**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 23 ta' Marzu, 2017**

**Citazzjoni Nru: 51/2010 AF**

**Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ta' Joseph Pavia**

**vs**

**L-Avukat Generali tar-Repubblika ta' Malta u ghal kull interess li jista' jkollha s-socjetà GO p.l.c. gja Korporazzjoni Telemalta gja Maltacom p.l.c. u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2010 gie kjamat fil-kawza r-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ta' Joseph Pavia, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Ottubru tas-sena 1998, Avviz Numru 2659/97 JAB, fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-

16 ta' Frar 1998 is-socjetà kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia, sussegwentement reza esegwibbli b'digriet tat-30 ta' Lulju tas-sena 2007, Joseph Pavia gie kkundannat ihallas lis-sojcetà Maltacom p.l.c. qabel Korporazzjoni Telemalta illum GO p.l.c., l-ammont ta' erba' mija tnejn u disghin Lira Maltin u tmintax-il centemzu (Lm492.18) ekwivalenti ghal elf mija u sitta u erbghin Ewro u seba' u erbghin centezmu tal-Ewro (€1,146.47) oltre imghax u spejjez, vide Dok. "JP1" u "JP2".

Minkejja li mill-process tirrizulta riferta pozittiva fir-rigward ta' Joseph Pavia li allegatament gie notifikat personalment gewwa l-fond "Miyro", Triq Andrea Debono, Naxxar, kopa tar-riferta hawn annessa u mmarkata Dok. "JP3", il-firma fuq ir-riferta relattiva mhijiex dik ta' Joseph Pavia jew ta' xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta [vide anness Dok. "JP3.1"].

Fil-fatt ir-rikorrent Joseph Pavia ilu residenti barra minn Malta ghal diversi snin u sar jaf bis-sentenza fuq indikata wara li huwa gie infurmat mill-bank HSBC Bank Malta plc illi l-kontijiet tieghu kienu gew imblokkati peress li kien inhareg kontrih mandat ta' sekwestru bin-numru 3223/2008 fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta issa bl-isem GO pls vs Joseph Pavia [kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. "JP4"].

Inoltre gie prrezentat ukoll mandat ta' qbid bin-numru 3225/2008 fl-istess ismijiet [kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. "JP5"].

Ghalhekk is-sentenza fuq imsemmija inghatat bi ksur tad-drittijiet fondamentali ta' Joseph Pavia ghal smiegh xieraq kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi Joseph Pavia ma giex debitament notifikat kif trid il-ligi.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Il-fatti kollha fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrent nomine.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi huwa ma kellux smiegh xieraq fil-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-socjetà kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia minhabba vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Tiddikjara nulla u bla effett fil-ligi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta).

3. Taghtih dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha opportuni u mehtiega fil-kaz.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tas-soċjeta intimata GO p.l.c. li permezz tagħha eċċepiet illi:

Is-sentenza Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-socjetà kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia moghtija fit-2 ta' Ottubru tas-sena 1998, avviz numru 2659/97 JAB hija ekwa u gusta u timerta illi tigi kkonfermata minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Is-socjetà GO p.l.c. dak iz-zmien bl-isem Maltacom p.l.c. imxiet mal-procedura civili dwar in-notifika skond il-ligi u fil-fatt is-sentenza taghmilha cara illi "billi ghalkemm notifikat regolarment". Barra minnhekk din is-sentenza giet kkonfermata permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Lulju 2007 kif jidher mid-dokumenti annessi mar-rikors tar-rikorrenti stess Dok. JP2, fejn jidher fic-car illi l-procedura tan-notifika hekk kif ikkontemplata mill-Kodici tal-Procedura Civili.

Ghaldaqstant, is-socjetà GO p.l.c. titlob bil-qima, illi dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament in kwantu din hija kwistjoni ta' notifika t'att gudizzjarju, ghandu jkun kjamat fil-kawza r-Registratur Qrati Civili u Tribunali.

Ukoll ghandhom ikunu annessi l-atti tal-proceduri in kwistjoni biex hekk din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tezamina ezatt x'gara rigward notifiki.

Jidher car li r-rikorrent ma weriex interess bizzejjed fil-proceduri mibdija kontrih. Ghax anke jekk ghall-grazzja tal-argument hu sar jaf bil-proceduri fi stadju tal-ezekuzzjoni ta' sentenza, xorta hemm seta' beda proceduri biex jattakka d-diversi mandati prezentati kontrih, liema haga ma tidhirx li saret. Dan apparti procedura t'appell u ritrattazzjoni. Allura r-rikorrent ma jistax jilmenta mill-ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq minhabba nuqqas tieghu stess. Certament dan hu kaz fejn hemm rimedji ordinarji li setghu kienu utilizzati u ghalhekk din il-Qorti ghandha tastjeni milli tisma dan il-kaz ai termini tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-mertu trid tingieb il-prova mehtiega dwar dan l-allegat zball fin-notifika, dwar min kien jghix fl-istess dar fil-perjodi in kwistjoni u dwar l-imgieba tar-rikorrenti fil-perjodu waqt u wara l-kawza, u waqt u wara l-procedura ta' mandati ta' sekwestru u qbid. Ma jistax ikun prezunt li kien hemm zball jew xi nuqqas iehor qabel dan ikun ippruvat, kif jittentaw jaghmlu r-rikorrenti fir-rikors promotur. Barra minn dan irid ikun ezaminat jekk ir-rikors ipprezentat fl-2007 biex tkun reza ezegwibbli s-sentenza tal-1998 fil-proceduri in kwistjoni kienx notifikat jew le. Irid ikunu wkoll ezaminati n-notifiki relattivi fiz-zewg indirizzi li jidhru fl-atti li kopja taghhom kienet esebita, u cioè l-indirizz "Miyro", Triq Andrea Debono, Naxxar u l-indirizz "Papillon", Triq il-Kapuccini, Zabbar.

Fi kwalunkwe kaz m'hemm ebda ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fil-proceduri li taw lok ghal dan l-ilment. L-esponent però jirrizerva d-dritt li jressaq risposta ulterjuri u dettaljata

meta r-rikorrent igib prova tal-agir tieghu f'din il-kawza kif inghad iktar 'il fuq.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2010 din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u ordnat illi jiġi msejjaħ fil-kawża r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Kriminali.

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva, peress li r-rikorrent m'ezawriex ir-rimedji kollha ordinarji a dispozizzjoni tieghu.

It-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li assolutament ma hemm ebda ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kif qed jilmenta r-rikorrent.

Ghal dak li jirrigwarda eccezzjonijiet ulterjuri, r-rikorrenti jaghmel referenza ghall-eccezzjonijiet mressqa mill-Avukat Generali u ghall-ekonomija tal-gudizzju jaghmel tieghu l-istess eccezzjonijiet.

Salvi jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet, ossia risposti, ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2012 din il-Qorti diversament presjeduta ordnat illi jiġu allegati l-atti tal-kawża bl-avviż numru 2659/1997 fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia**.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-31 ta' Mejju 2013 li permezz tagħha ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali u l-ewwel

eċċezzjoni tal-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali billi ma jirriżultax illi l-attur nomine seta' rrikorra għal rimedji oħra effettivi qabel ma intavola dawn il-proċeduri kif ukoll billi l-ilment tal-attur nomine hu tali li jimmerita li jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lill-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante bħala espert fil-kaligrafija sabiex tħejji rapport dwar il-firma tal-attur nomine u dik indikata bħala l-firma tad-destinatarju fuq il-kopja tal-*pink card* a fol. 10 tal-proċess.

Rat ir-relazzjoni tal-espert fil-kaligrafija.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta biex tkompli tinstema' u tigi deciza.

Semgħet it-tweġibiet tal-espert fil-kaligrafija għad-domandi in eskussjoni tal-attur nomine.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur nomine qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi ġie vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali peress illi huwa jgħid li qatt ma ġie notifikat skont il-liġi bl-avviż numru 2659/1997 JAB fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-soċjeta kummerċjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-2 ta' Ottubru 1998, fejn il-konvenut (l-attur nomine f'dawn il-proċeduri) ġie kkundannat iħallas lill-Korporazzjoni msemmija l-ammont ta' Lm492.18, illum €1146.47, bl-imgħax legali mill-

15 ta' April 1996 kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża. Bħala rimedju, l-attur nomine qiegħed jitlob lill-Qorti tordna t-tħassir tal-imsemmija sentenza kif ukoll taghti kwalunkwe rimedji opportuni u meħtieġa skont il-każ.

Fil-mertu, l-intimata GO plc (ġja Korporazzjoni Telemalta) teċċepixxi li n-notifika in kwistjoni saret skont il-liġi. L-intimat Avukat Ġenerali jeċċepixxi li l-attur nomine jrid iressaq prova dwar dan l-allegat żball fin-notifika, dwar l-imġieba tiegħu waqt u wara l-kawża kif ukoll waqt il-proċeduri tal-mandati eżekuttivi esegwiti kontrih in segwitu tas-sentenza tat-2 ta' Ottubru 1998. Huwa jeċċepixxi wkoll illi ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attur nomine għal smigħ xieraq. Da parti tiegħu, l-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali wkoll jeċċepixxi li ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attur nomine kif ukoll jagħmel tiegħu l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali.

Mill-provi prodotti jirriżulta li Joseph Pavia u martu Antonia Pavia, minn Jannar 1992 sa Mejju 1994, kienu jirrisjedu fil-fond 'Miyro', Triq Carmelo Ritchie, Xgħajra, filwaqt li minn Mejju 1994 sa Novembru 1998 huma kienu jirrisjedu fil-fond 'Miyro', Triq Andrea Debono, Naxxar. Wara Novembru 1998 l-attur jgħid illi huwa u martu marru jgħixu l-Kanada fejn għadhom jgħixu sal-lum. L-attur isostni wkoll illi fiż-żmien li allegatament ġie notifikat bl-atti tal-kawża **Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia** u ċioè fis-7 ta' Marzu 1998, l-uniċi residenti fil-fond tan-Naxxar fejn skont ir-riferta relattiva ġie notifikat bl-avviż tal-imsemmija kawża, kienu hu u martu in kwantu li uliedhom kienu diġa marru jgħixu l-Kanada. L-attur nomine jiċħad illi l-firma tad-destinatarju fuq il-*pink card* in kwistjoni tista' tkun tiegħu jew ta' martu, jew li xi ħadd seta' ffirma għad-dokumenti għan-nom tiegħu. Antonia Pavia tikkonferma li hija ma ffirmatx għad-dokumenti in kwistjoni kif ukoll teskludi li din il-firma hija tagħha jew ta' żewġha l-attur nomine jew li seta' ffirma xi ħadd għan-nom ta' żewġha. L-Avukat Ġenerali ppreżenta kopji awtentikati ta' estratti mir-reġistru elettorali għax-xhur ta' April tas-snin 1995-1998 kif ukoll għax-xahar ta' April tas-snin 2003 u 2011. Fir-rigward tas-sena 1998, jirriżulta mill-estratt tar-reġistru elettorali

msemmi li l-konjuġi Pavia kienu jgħixu waħedhom fil-fond 'Miyro', Triq Andrea Debono, Naxxar.

L-attur nomine jkompli billi jgħid li meta mar joqgħod in-Naxxar huwa kien ittermina l-kuntratt mas-soċjetà intimata, ġja Korporazzjoni Telemalta, fir-rigward tal-fond tax-Xgħajra iżda li huwa baqa' jirċievi l-kontijiet. L-attur nomine jispjega li kien kellem lill-uffiċjal tal-Korporazzjoni dwar dawn il-kontijiet u li minn dakinhar ma sema' xejn aktar, b'dan illi ċertament ma kienx jaf li l-Korporazzjoni kienet inizjat proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tiegħu. Huwa jżid li sar jaf b'din il-kawża u l-mandati eżekuttivi sussegwenti li saru fil-konfront tiegħu f'Ġunju 2009 meta ttenta jagħmel transazzjoni bankarja mill-kont tiegħu f'Malta u ġie nfurmat mill-bank illi kien hemm mandat fuq dan il-kont.

L-attur nomine jisottometti wkoll li la ġie notifikat bir-rikors preżentat mis-soċjeta intimata fis-7 ta' Novembru 2005 sabiex tiġi reża eżekuttiva s-sentenza tat-2 ta' Ottubru 1998 u lanqas bil-mandati eżekuttivi msemmija. Mill-provi prodotti l-Qorti jirriżultalha li dan huwa minnu in kwantu li ma ġiet ippreżentata l-ebda riferta li turi li l-attur nomine ġie notifikat b'dawn l-atti.

Id-disposizzjoni rilevanti tal-artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal kawża tal-lum taqra hekk:

> "*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna, f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha.*"

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc tat-28 ta' Marzu

2007 qalet hekk dwar il-proċedura tan-notifika ta' atti ġudizzjarji:

> *"In-notifika f'idejn min hu indikat li jiricevi l-posta f'dawk ic-cirkustanzi hi, f'konkorrenza ma' dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista' tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament ezegwita. B' dan il-mod l-Artikolu 187 (1) precitat johloq il-presunzjoni iuris tantum illi n-notifikand hu xjenti mill-att ta' l-avviz notifikat lilu ghall-instawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju ta' l-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att."*

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Edward Cassar vs L-Avukat Ġenerali et, tat-2 ta' Frar 2016, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar 2016:

> *"Jibda biex jingħad li f'dan l-istadju l-kwistjoni fattwali dwar l-oneru tal-prova hija waħda ta' indoli ċivili essendo din hi kawża fil-Qorti Ċivili għalkemm dwar allegat ksur ta' jedd mogħti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-prova li trid issir mill-parti li tallega fatt neċessarjament tinkombi lilha għax il-ġudikant irid jiġi konvint fuq bażi ta' probabbiltà li l-fatt hu pruvat kif allegat."*

Dwar l-apprezzament tal-provi prodotti, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003:

> *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-*

*konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"*."

Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).

F'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Carmen Scerri Lautier, rappreżentanta tas-soċjeta Maltapost plc li spjegat illi s-soċjetà li hija tirrappreżenta ma setgħet tipprovdi l-ebda informazzjoni dwar min iffirma bħala destinatarju fuq il-*pink card* in kwistjoni għaliex din l-informazzjoni tinżamm għal ftit xhur biss u hija kienet qiegħda tixhed tlettax-il sena wara li allegatament saret in-notifika.

L-espert fil-kaligrafija mahtura mill-Qorti tispjega fir-relazzjoni tagħha li hija eżaminat il-karatteristiċi tal-firma tal-attur nomine u ta' martu Antonia Pavia kif jinsabu fil-kopji tal-passaporti rispettivi tagħhom kif ukoll fl-affidavits ippreżentati minnhom fil-mori tal-kawża minn fejn irriżultalha li ma jidhirx illi huma għandhom firma tal-forma '*shorthand*'. Fil-fatt l-attur nomine u martu ddikjaraw li huma qatt ma ffirmaw fil-forma '*shorthand*' u li dejjem iffirmaw bl-istess mod li ffirmaw fil-passaporti tagħhom. L-espert fil-kaligrafija tkompli billi tgħid illi l-firma tad-destinatarju li tinsab fil-kopja tal-*pink card* a fol. 10 tal-proċess hija kompletament differenti mill-firem tal-konjuġi Pavia li hija eżaminat. Finalment, hija tikkonkludi li minħabba nuqqasijiet ta' karatteristiċi kemm ġenerali kif ukoll

partikolari, il-firma fuq il-*pink card* setgħet saret minn kwalsiasi persuna u qatt ma jista' jiġi aċċertat forensikament jekk saritx minn wieħed mill-konjuġi Pavia. Meta xehdet in eskussjoni, l-espert fil-kaligrafija żżid illi hemm probabbiltà kbira li l-firma in kwistjoni m'hijiex tal-attur nomine u lanqas ta' martu.

Il-Qorti tosserva wkoll illi fl-atti tal-kawża Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia ġie preżentat il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet f'dik il-kawża fir-rigward tas-servizz tal-fond fix-Xgħajra minn fejn tirriżulta wkoll il-firma tal-attur nomine li hija kompletament differenti mill-firma li tinsab fuq il-*pink card* tal-atti tal-kawża msemmija.

B'żieda ma dan kollu, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi fil-*pink card* taħt eżami ma jirriżultax in-numru tal-karta tal-identità tad-destinatarju kif jitlob l-istess dokument. Tonqos ukoll id-dikjarazzjoni jekk l-oġġett postali kienx ġie mqassam jew le.

Huwa minnu li d-defiċjenza fil-mod li tkun ġiet mimlija l-*pink card* mhux neċessarjament iwassal għall-irritwalità tan-notifika iżda f'dan il-każ, in vista tal-provi prodotti b'mod speċjali r-relazzjoni tal-espert fil-kaligrafija, il-Qorti għandha dubji serjissimi dwar il-validità tal-istess notifika b'dan illi hija sodisfatta sal-grad rikjest mill-liġi li l-firma fuq ir-riferta in kwistjoni ma tappartjenix la lill-attur nomine u lanqas lill-martu. In kwantu li lanqas ma jirriżulta li n-notifika saret lill-persuni oħra msemmija fl-artikolu 187(1) tal-Kap. 12, isegwi li l-attur nomine qatt ma ġie notifikat kif trid il-liġi bl-atti tal-kawża fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia.

Stabbilit illi l-attur nomine ma ġiex notifikat bl-atti tal-kawża in kwistjoni, imiss issa li jiġi kkunsidrat jekk dan iwassalx għal leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

It-tieni sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra hekk:

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*."

L-attur nomine jinvoka wkoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Id-disposizzjoni rilevanti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li tolqot l-ilment tiegħu tinsab fl-ewwel sub inċiż li jaqra hekk:

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

Dawn l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea ma jispjegawx xi jfissru l-kliem 'smigħ xieraq'. Fil-ktieb tagħhom 'Law of the European Convention on Human Rights' (Tieni Edizzjoni), l-awturi Harris, O"Boyle & Warbrick jispjegaw illi:

*"In contrast with the other guarantees in Article 6(1), the right to a 'fair hearing' has an open-ended residual quality. It provides an opportunity for adding other particular rights not listed in Article 6 that are considered essential to a 'fair hearing', and for deciding whether a 'fair hearing' has occured when the proceedings of a particular case are*

*looked at as a whole, even though no particular right has been infringed."*[1]

Ikomplu billi jispjegaw illi:

> *"A party to a criminal or non-criminal case may waive his right to be present at the hearing, provided that the waiver is made 'of his own free will, either expressly or tacitly', is 'established in an unequivocal manner', 'is attended by minumum safeguards commensurate to its importance', and does 'not run counter to any important public interest." (Sejdovic v Italy 2006-II para 86 GC).* ***Waiver will depend on the applicant having knowledge of the hearing.****'*[2] (Enfasi ta' din il-Qorti).

Fil-kawża fl-ismijiet Leone Misrahi et vs Rosaria armla minn Giuseppe Cassar et, deċiża fl-10 ta' Ġunju 1966, il-Qorti Kostituzzjonali qalet propju li l-frażi 'smigħ xieraq' għandha tinftiehem li tinkludi d-dritt tal-partijiet interessati li jirċievu l-avviż tas-smigħ tal-kawża sabiex ikunu infurmati bil-proċeduri fi żmien raġonevoli u li l-partijiet jingħataw opportunità raġonevoli sabiex jippreżentaw il-każ tagħhom.

Fil-każ fl-ismijiet Babunidze vs Russia (Każ 3040/2003) il-Qorti Ewropea qalet illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdi għall-ebda forma speċifika ta' notifika ta' dokumenti jew taħrikiet. Il-kwistjoni hi jekk il-persuna ġietx effettivament imċahhda mid-dritt għal smigħ xieraq.

Huwa ndubitat li f'dan il-każ l-attur nomine kellu dritt li jiġi notifikat bl-atti tal-kawża li saret kontrih. Dan in-nuqqas ta' notifika jsarraf fiċ-ċaħda tad-dritt u garanzija tal-attur nomine li jiddefendi ruħu fil-proċeduri inizjati fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li ġie lez id-dritt fundamentali tal-attur nomine għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress illi l-Qorti m'hijiex sodifatta li ġie notifikat kif trid il-liġi tal-proċedura bl-atti tal-kawża **Korporazzjoni**

---

[1] Paġna 246

[2] Paġna 247

**Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-soċjeta kummerċjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia.**

Ir-rimedju għal dan il-ksur għandu jkun it-tħassir tas-sentenza msemmija b'dan illi l-atti tal-kawża għandhom jerġgħu jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex jinstemgħu mill-ġdid. Minkejja li l-attur nomine ma talabx speċifikament illi jitħassru wkoll il-mandati eżekuttivi maħruġa fil-konfront tiegħu in segwitu tal-imsemmija sentenza, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u in kwantu li l-Qorti ġiet mitluba tagħti dawk ir-rimedji kollha meħtieġa skont il-każ u dan anke skont ma jipprovdi l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti sejra tordna wkoll it-tħassir tal-imsemmija mandati.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tiddikjara li l-attur nomine ma ngħatax smigħ xieraq fil-kawża fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-soċjeta kummerċjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia** minħabba lezjoni tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) peress li ma kienx notifikat bl-atti tal-kawża msemmija.

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi billi tiddikjara nulla u mingħajr effett fil-liġi s-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-soċjeta kummerċjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia** tat-2 ta' Ottubru 1998 u tordna li l-atti tal-kawża msemmija jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tisma' l-każ mill-ġdid u dan wara li l-attur nomine jiġi notifikat bl-atti tal-kawża kif trid il-liġi tal-proċedura.

3. Tordna t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru numru 3223/2008 fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta issa bl-isem GO plc vs Joseph Pavia** u l-mandat ta' qbid bin-numru 3225/2008 fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta issa bl-isem GO plc vs Joseph Pavia**.

In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-intimati Avukat Ġenerali u Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali fi kwoti ndaqs bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG